

Brussell, 15 ta' Lulju 2026
(OR. en)

13725/05
DCL 1

LIMITE

VISA 268
NIS 147
COEST 180

DEKLASSIFIKAZZJONI

tad-dokument: 13725/05 RESTREINT UE/EU RESTRICTED

data: 26 ta' Ottubru 2005

status ġdid: LIMITE

Suġġett: Adozzjoni ta' l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja ma' l-Ukraina Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.

It-test ta' dan id-dokument huwa identiku għal dak tal-verżjoni preċedenti.

RESTREINT UE



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 26 ta' Ottubru 2005

13725/05

RESTREINT UE

**VISA 268
NIS 147
COEST 180**

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
lil:	Kunsill
Nru dok. preċ.	13564/05 VISA 263 NIS 146 COEST 176 (RESTREINT UE)
Nru Cion prop.:	11833/05 COEST 136 NIS 121 VISA 204 (RESTREINT UE)
Suġġett:	Adozzjoni ta' l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja ma' l-Ukraina Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina

1. Fl-1 ta' Settembru 2005 Adozzjoni ta' l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja ma' l-Ukraina Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina
2. Wara eżami mill-korpi kompetenti tal-Kunsill [il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża fit-12 u t-30 ta' Settembru 2005 u l-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA) fl-20 ta' Ottubru 2005], il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti laħaq ftehim dwar l-abbozz tad-Deċiżjoni.
3. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta, taħt il-parti "A" ta' l-aġenda tiegħu ta' sessjoni li ġejja, id-Deċiżjoni kif stabbilita fl-Anness għal din in-nota.

Abbozz

**ta' Deċiżjoni tal-Kunsill
li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja
ma' l-Ukraina
Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Viża
bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

- b'dan jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja, f'isem il-Komunità, ma' l-Ukraina bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir;
- jaħtar kumitat speċjali¹ biex jgħin lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha, billi f'konformita' mat-Trattat, il-Kummissjoni ser twettaq dawn in-negozjati f'isem il-Komunità Ewropea;
- iddeċieda li n-negozjati ser jitwettqu f'konformità mad-direttivi li ġejjin:

¹ Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża mgħejjun mill-grupp ta' ħidma ġeografiku rilevanti.

RESTREINT UE

DIRETTIVI TA' NEGOZJATI

Il-Kummissjoni għandha, matul in-negozjati, timmira li tikseb l-oġettivi speċifiċi li hemm fid-dettall hawn taħt.

1. GĦAN U KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-FTEHIM

L-għan tal-ftehim għandu jkun li jiġu stabbiliti drittijiet u obbligi ċari u mhux ambigwi li jorbtu legalment biex ikunu żgurati proċeduri simplifikati għal ħruġ ta' viżi għal ċittadini Ukranjani li jidħlu fl-Istati Membri ta' Schengen. Jekk il-ħtieġa għal viża terġa' tiġi introdotta mill-Ukraina għal ċittadini ta' l-UE, id-drittijiet u l-obbligi li jorbtu legalment previsti fil-ftehim għal ċittadini Ukranjani japplikaw awtomatikament, abbażi tar-reċiproċità, għal ċittadini ta' l-UE.

2. OĖETTIVI SPEĊIFIĊI

In-negozjati għandhom jimmiraw li jilhqqu serje ta' oġettivi speċifiċi li hemm hawn taħt. Meta jiġu definiti l-kategoriji ta' benefiċjarji għat-tipi differenti ta' faċilitazzjonijiet ta' viża li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz tal-ftehim, daww koperti fi ftehim preċedenti ma' pajjiżi terzi jistgħu jiġu meqjusa bħala preċedent, fejn xieraq.

2.1. Ħlasijiet ta' Viża

Il-ħlas għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-kategoriji kollha ta' viżi koperti mill-Ftehim għandu jikkorrispondi għall-ħlas previst fl-acquis ta' Schengen għall-kisba ta' viża ta' Schengen. Jekk l-Ukraina terġa' tintroduċi l-ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini ta' l-UE, il-ħlas tal-viża li jiġi mpost mill-Ukraina għaċ-ċittadini ta' l-UE m'għandux ikun oġhla mill-ħlas tal-viża ta' Schengen. Il-Ftehim għandu jipprevedi eċċezzjonijiet ġustifikati speċifiċi u għandu jiddefinixxi kategoriji ta' persuni li t-tneħħija ta' ħlas ta' viża jkun ġustifikat u li jistgħu jinkludu, per eżempju, studenti u riċerkaturi xjentifiċi.

RESTREINT UE

2.2. Issimplifikar tal-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi

Il-ftehim għandu jiddefinixxi proċeduri ssimplifikati għall-ħruġ ta' viżi f'ċirkustanzi speċifiċi. B'mod partikolari, huwa għandu jiddefinixxi l-kriterji għall-ħruġ ta' viżi għal aktar minn dħul wieħed, li jkunu validi għal perijodu twil ta' żmien, lil kategoriji speċifiċi ta' persuni u għandu jintroduċi simplifikazzjonijiet fir-rigward ta' evidenza dokumentata li għandha tiġi ppreżentata sabiex tinkiseb viża għal ċerti kategoriji speċifikati ta' persuni **li jistgħu jinkludu, per eżempju, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, studenti fuq vjaġġi ta' studju jew skambji u riċerkaturi.**

2.3. Stabbiliment ta' tul standard ta' proċedura għall-ħruġ ta' viżi

Il-ftehim għandu jiddefinixxi perijodu qasir standard għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għal viża, b'kont meħud ta' xi ħtieġa li jista' jkun hemm għal konsultazzjoni bejn l-Istati Membri. Madankollu hu għandu jipprevedi wkoll żminijiet ta' proċessar itwal jew proċeduri aċċelerati f'każijiet speċifiċi ġustifikati.

2.4. Eżenzjonijiet mill-Viża

Il-ftehim għandu jipprevedi li detenturi Ukranjani ta' passaporti diplomatiċi jiġu eżentati mill-ħtieġa ta' viża meta jivjaġġaw lejn territorju ta' Schengen.

3. AMMINISTRAZZJONI TAL-FTEHIM

Il-Ftehim għandu jkun fih disposizzjoni li tistabbilixxi Kumitat ta' esperti. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Ukraina. Il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni mgħejjuna mill-esperti mill-Istati Membri.

Il-Kumitat ta' esperti għandu b'mod partikolari jkollu l-kompitu li:

- jagħmel monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-ftehim;
- jissuġġerixxi emendi u żidiet għalih.

Il-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

RESTREINT UE

4. RELAZZJONI MA' FTEHIM BILATERALI EŻISTENTI BEJN L-ISTATI MEMBRI U L-UKRAINA

Il-Ftehim għandu jkun fih klawnsola li permezz tagħha, mid-dħul fis-seħħ tiegħu, id-disposizzjonijiet tiegħu għandhom jieħdu preċedenza fuq id-disposizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali konkluż bejn Stati Membri individwali u l-Ukraina, fejn disposizzjonijiet ta' dawn ta' l-aħħar ikopru punti ttrattati minn dan il-Ftehim.

5. APPLIKAZZJONI TERRITORJALI, DĦUL FIS-SEĦĦ, TUL TA' ŻMIEN, SOSPENSJONI U TERMINAZZJONI TAL-FTEHIM

Il-Ftehim għandu jkun fih disposizzjonijiet relatati ma' l-applikazzjoni territorjali, id-dħul fis-seħħ u tul ta' żmien tiegħu. Huwa għandu jkun konkluż għal perijodu indefinit u għandu jkun fih disposizzjonijiet li jagħtu liż-żewġ Partijiet Kontraenti l-possibbiltà li jissospendu u/jew jiterminaw dan il-Ftehim fl-intier jew fpartijiet minnu.

Minħabba l-importanza tar-rabta bejn ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża u ftehim tar-riammissjoni, il-Kummissjoni ser tiżgura, fil-kors tan-negozjati tagħha, ir-rabta adatta bejn iż-żewġ ftehim fir-rigward tad-dħul fis-seħħ, is-sospensjoni jew terminazzjoni tagħhom.

6. ĠEOMETRIJA VARJABBLI

Il-Ftehim għandu jieħu kont tal-pożizzjonijiet speċjali tad-Danimarka, l-Irlanda, ir-Renju Unit, l-Islanda u n-Norveġja. Dikjarazzjonijiet konġunti għandhom jiddikjaraw ix-xewqa li għandhom jiġu konklużi arranġament għall-faċilitazzjoni tal-viża bejn l-Ukraina u kull wieħed minn dawn l-Istati Membri u pajjiżi assoċjati ftermini simili għall-Ftehim mal-Komunità.

Jekk il-Ftehim bejn l-UE, l-KE u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen jkun daħal fis-seħħ sa meta jiġu konklużi n-negozjati ma' l-Ukraina, ser ssir dikjarazzjoni simili wkoll fir-rigward ta' l-Isvizzera.

RESTREINT UE

7. APPLIKABBILTÀ GĦALL-ISTATI MEMBRI LI NGHQAQDU MA' L-UE FL-1 TA' MEJJU 2004

Għall-perijodu transitorju sa l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004, Protokoll anness mal-Ftehim għandu jipprevedi d-disposizzjonijiet li jippermettu li jittieħed kont, għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, tal-fatt li dawn l-Istati Membri mhumiex ser joħorġu viżi ta' Schengen iżda dawk nazzjonali.

Il-Protokoll għandu jipprevedi wkoll li l-istess japplika għar-Rumanija u l-Bulgarija sa mid-data ta' l-adeżjoni tagħhom ma' l-UE.